MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 827/2007

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Assocjazzjoni attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf erba' mija u erbgha u tmenin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,484.28) - (Lm637.20c) liema ammont huwa rapprezentanti kontribuzzjonijiet dovuti lilha mis-socjeta` konvenuta ghas-snin 2006 u 2007 ai termini ta` l-istatut ta` l-istess Assocjazzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-Assocjazzjoni attrici u l-fatt li s-socjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-Assocjazzjoni attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' elf erba' mija u erbgha u tmenin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,484.28) - (Lm637.20c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------